**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 241/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Vincent Preca**

Illum 22 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Vincent Preca**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 424862(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar l-4 ta' Novembru 2018, għal ħabta tal-ħdax u nofs ta' filgħodu, ġewwa l-fond numru 225, Triq l-Imħallef William Harding, Pembroke:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-mara tiegħu Anna Maria Preca f'periklu ċar, ikkaġunalha ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tagħha, liema ġriehi huma ta' natura ħafifa;

2. bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil Anna Maria Preca l-biża' li ser tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-proprjeta' tagħha, jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha;

3. ħebb kontra l-mara tiegħu Anna Maria Preca sabiex jinġurjaha, iddejjaqha jew jagħmillha ħsara.

Il-Qorti ġiet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Anna Maria Preca, jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza u dan *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba titratta l-każ bħala wieħed ta' vjolenza domestika skont Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Novembru 2020 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 11, 31, 202(h), 214, 215, 221(1), 222(1)(a) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni, sabitu ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni. Peress li l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi piena karċerarja ma kinitx il-piena idonea u billi qieset li jissussistu l-elementi *ai termini* ta' Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, a tenur ta' Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħdet lill-imputat taħt Ordni ta' *Probation* għal perijodu ta' sentejn (2) minn dakinhar tas-sentenza, liema ordni huwa soġġett għall-kondizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti dakinhar stess u anness mas-sentenza. *Ai termini* ta' Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti fissret lill-imputat bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' *Probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness mas-sentenza u li, f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-Ordni ta' *Probation*, tista' tingħata sentenza għar-reati

li tagħhom nstab ħati bis-sentenza. *Ai termini* ta' Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat li kopja tas-sentenza u tal-Ordni ta' *Probation* mogħti b'digriet dakinhar stess kellhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* sabiex jassenja Uffiċjal tal-*Probation* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-imputat. B'applikazzjoni ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti qiegħdet lill-ħati taħt Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Anna Maria Preca għall-perjodu ta' sentejn (2) minn dakinhar tas-sentenza skont id-digriet anness mas-sentenza. Fl-aħħar nett, l-Ewwel Qorti fehmet bi kliem ċar u li jinftiehem il-portata ta' l-Ordni u l-konsegwenzi li l-ħati jkollu jaffaċċja f'każ li jonqos milli jwettaq l-Ordni, skont kif ordnat lilu.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tikkonferma dik il-parti tas-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi nhar l-4 ta' Novembru tas-sena 2020 li permezz tagħha huwa ġie lliberat mit-tieni akkuża, tħassar u tikkanċella dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tal-ewwel u tat-tielet akkużi u tilliberah minnhom u minn kull ħtija u piena, salv kull provvediment ieħor xieraq u opportun."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-20 ta' April 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu f'dan il-każ l-appellant jisħaq li huwa għandu jkun liberat mill-ewwel (1) u mit-tielet (3) imputazzjoni addebitati fil-konfront tiegħu. Jgħid li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti b'mod speċjali dwar il-valutazzjoni tal-mertu. Jargumenta li l-Ewwel Qorti straħet fuq dak li qalu l-partijiet kwantu għall-fatti kollha salv għall-qofol tat-tilwima li kien hemm fejn filwaqt li l-*parte civile* Anna Maria Preca tgħid li hu (l-appellant) kien waddab *chopping board* u sikkina fid-direzzjoni tagħha, minn naħa l-oħra hu kien għamel in-nervi wara li l-*parte civile* kienet għamlet serje ta' offiżi bil-mard u offiżi oħra fil-konfront tiegħu. Jisħaq li waqt li kien qed jipprepara l-ikel huwa ssupervja, tefa' kollox fl-art u l-inċident waqaf hemm u li l-ebda oġġett ma kien laqat lil martu. Jgħid li l-*parte civile* qalet li ċ-*chopping board* kienet laqtitilha saqajha u li s-sikkina għaddiet minn ma' saqajha. Huwa jirreferi għal bran ċċitat mill-Ewwel Qorti liema bran ittieħed minn Noti tal-Professur Sir Anthony Mamo. Jissottometti li l-Ewwel Qorti kellha żewġ verżjonijiet quddiemha u li minn imkien ma jirriżulta li hu kellu l-intenzjoni li jagħmel dik il-ħsara, imqar ħsara żgħira u minima, lill-martu. Jgħid li mhuwiex verosimili li persuna li kellha l-intenzjoni li tweġġa' lil ħaddieħor tonqos milli tolqot lill-persuna l-oħra speċjalment meta din tkun tinsab metru jew tnejn biss 'il bogħod minnu.

Illi ġialadarba l-appell f'dan il-każ huwa dwar valutazzjoni tal-fatti għandu jiġi nnutat li din il-Qorti dejjem segwiet il-linja li ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm tkun waslet għad-deċiżjoni tagħha legalment u raġonevolment. In fatti din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet

raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi għalhekk dak li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. Qabel tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li l-ewwel tagħmel riferenza għall-provi prodotti rigward l-akkadut li kienu preżenti għalih il-*parte civile* Preca u żewġha l-appellant b'dan illi s-sommarju li jsegwi jikkonċentra fuq ix-xiehda mogħtija mill-*parte civile* u l-appellant għaliex huma kienu preżenti waqt l-imsemmi akkadut.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Skont il-*parte civile* **Anna Maria Preca**, l-appellant beda joffendiha u jkellimha ħażin waqt li kien qed iqatta' t-tiġieġ u wara li rrispondietu, l-appellant f'daqqa waħda qabad iċ-*chopping board*, is-sikkina, it-tiġieġ li kien hemm, reġa' offendiha, waddabhomlha u għajjat li ma ried jagħmel xejn. Tgħid li l-injama waqgħet fuq saqajha u weġġgħatha waqt li

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

s-sikkina għaddiet minn ħdejn saqajha, ħabtet mal-*cupboard* tal-kċina u niżlet ċatta mal-art. Tgħid li t-tifla kienet ħadet ir-ritratti eżebiti meta hija (il-*parte civile*) kienet l-isptar.

- Skont l-appellant **Vincent Preca** fil-jum tal-akkadut kien mar zijuh u tawh kafe' waqt li martu (mart l-appellant) telgħet fuq il-bejt. Jgħid li wara ddeċidew li jagħmlu torta u martu niżżlet it-tiġieġ mill-*freezer*. Jgħid li t-tilwima kienet relatata maż-żjara taz-ziju u li waqt li hu kellu dahru lejha u hi kienet warajh u fil-bidu kienu qed jitkellmu b'mod normali iżda l-argument skala u lill-martu qatt ma kien raha hekk. Jgħid li bdiet issemmi mard tiegħu u kien hemm botta u risposta. Hu qal li ma ried jagħmel xejn u jaħseb li taru l-affarjiet. Qal li jew laqathom jew tajjarhom. Jispjega li l-*board* waqgħet mal-art u li x'aktarx waqgħet is-sikkina wkoll jew fetaħ idejh jew tajjarha. Hu ma rahiex tolqot lil martu għaliex din kienet warajh. Jgħid li martu ħarġet ma' bintha 'l barra u wara li mar ifittixhom u sabhom, rahom li qisu nġibdu u mar lura lejn id-dar. Jgħid li wara ċemplulu l-Pulizija u baqa' arrestat. Jixhed li qatt ma kellu inċident bħal dan ma' martu għalkemm xi tlieta/erba' snin qabel kien hemm inċident meta hu rrabja u kisser xi fajjenza. Jgħid li kienu jinsabu fi proċeduri ta' separazzjoni. Fil-<u>kontro-eżami</u> qal li kien semma lil omm il-mara tiegħu li kienet mejta. Qal ukoll li d-distanza bejnu u bejn martu kienet ta' madwar metru u nofs/żewġ metri. Ikkonferma li ma rax lil martu tintlaqat għaliex kienet warajh.

- Skont l-affidavit ta' **Dr. Jeffrey Bonnici** (Dok. "JB 1"' - *a fol.* 80), Anna Maria Preca kienet qed issofri minn tbenġila fuq it-tieni suba tas-sieq il-leminija. Jgħid li mill-*x-ray* ma rriżulta l-ebda ksur.

- **Mireille Zammit** (*social worker* mal-Aġenzija Appoġġ) qalet li għamlet *risk assessment* (Dok. "MZ 1" – *a fol.* 56 *et seq.*) dwar dak li allegat il-*parte civile* Preca.

- Skont l-i**Spettur Leeroy Balzan Engerer** dan ir-*risk assessment* ġie wieħed *"high risk"* (*a fol.* 17) kif ikkonfermat mis-*social worker* **Rosanna Cassar** (*a fol.* 32 *et seq.* u *a fol.* 69 *et seq.*).

Illi din il-Qorti tinnota li għandha żewġ verżjonijiet dwar l-istess akkadut u x-xhieda li taw dawn iż-żewġ verżjonijiet kienu l-uniċi xhieda preżenti. Ix-xhieda l-oħra (l-iSpettur u ż-żewġ *social workers*) xehdu fuq dak li ntqal lilhom.

Illi jkun opportun jiġi nnutat li minkejja li kunflitt fil-provi għandu jmur a benefiċċju tal-imputat, pero' fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deċiża fid-19 ta' Mejju 1997, din il-Qorti diversament preseduta rriteniet is-segwenti:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Illi l-Qorti tagħmel ukoll riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** (Numru 128/2002) fejn din il-Qorti diversament preseduta spjegat x'jiġri meta Ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti u ċioé jistgħu jiġru żewġ affarijiet u ċioè jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** (Numru 436/2009) mogħtija fit-2 ta' Frar 2012, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qegħdin jagħtu verżjoni differenti minn oħrajn illi

xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi għax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li għandha twassal għal liberatorja. Fil-kawża **Pulizija vs. Joseph Thorn** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet:

*"... mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti f'każ ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annunċjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal għal konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."[2]

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** (Numru 38/2011) deċiża fil-31 ta' Ottubru 2013, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Ma hemm xejn ħażin illi l-Qorti tistriħ fuq xhud wieħed biss kif *del resto* hija ntitolata li tagħmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jgħid illi xhud wieħed jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tiġi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida mogħtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9."

Illi fl-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant, l-appellant ġie akkużat li mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' martu Anna Maria Preca f'periklu ċar, huwa ikkaġunalha ġrieħi ħfief.

Illi minkejja li fl-atti proċesswali kien hemm riferenza għall-passat, il-Qorti ser tiffoka fuq l-akkadut mertu ta' dawn il-

[2] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et**, 17 ta' Settembru 2012; **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech**, 17 ta' Settembru 2012; **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali**, 24 ta' Jannar 2013; **Il-Pulizija vs. Mario Pace**, 6 ta' Frar 2013; **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt**, 11 ta' Lulju 2013.

proċeduri u xejn aktar. Fir-rigward ta' dan il-każ u meħud in konsiderazzjoni dak li jirriżulta fl-atti proċesswali, din il-Qorti tinnota li l-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* hija aktar verosimili u l-Qorti hija aktar konvinta minnha. Din il-Qorti tinnota li tul id-depożizzjoni mogħtija mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li hu beda jara kif jevita li juża l-kelma *"waddabt"* billi jissostitwieha b'*"tajjart"*. Mill-verżjonijiet mismugħa jirriżulta li kien hemm diżgwid serju dwar il-vista taz-ziju li skalat b'tgħajjir dwar il-*parte civile* u dwar il-mejta ommha. Jirriżulta li l-appellant kien jaf li martu kienet tinsab fil-qrib u f'dan il-każ ma kinitx kwistjoni dwar jekk hijiex kinitx warajh jew quddiemu. Jirriżulta li t-tnejn kienu qed iħejju l-ikel f'post ristrett u għalhekk din il-Qorti ma ssibx konvinċenti x-xiehda tal-appellant li l-affarijiet jew ttajjru jew waqgħu meta tikkonsidra li l-appellant m'għoġbitux l-attitudni ta' martu dwar iż-żjara ta' zijuh u lanqas aċċetta xi rimarki dwar il-mard u li kien innervja. Għal dak li huwa l-aspett materjali, din il-Qorti tqis li dan ġie ppruvat.

Illi għal dik li hija intenzjoni, li huwa l-iktar punt li saħaq fuqu l-appellant, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li jikteb il-**Professur Sir Anthony Mamo** fin-Noti tiegħu <u>Notes on Criminal Law (Second Year – Criminal Law)</u> fejn jgħid is-segwenti:

> *"To constitute the crime of <u>wilful</u> bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the 'animus nocendi', the generic intent to cause harm, without requring necessarily an actual intention to do the <u>particular</u> kind of bodily harm which, in fact, ensues. In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted."*

Illi da parte tiegħu **Luigi Maino** jikkummenta kif ġej:

> *"Il codice italiano fa consistere il reato in esame in qualunque pregudizio possa essere recato al corpo, alla salute o alla mente di un uomo, che percio' rimane offeso nella sua integrita' personale. Con cio', seguendo il piu' moderno indirizzo della dottrina e della legislazione, si é allegata la nozione di questo*

> *reato dalle soluzioni di continuita' nel corpo umano con effusione di sangue, e dalle violenze che senza effusione di sangue cagionano un dolore fisico, fino a comprendere anche le perturbazioni recate alla mente di un uomo d'altrui opera malvagia o colposa."*

Illi fl-aħħarnett issir riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Ġunju 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Doreen Zammit** (Numru 264/1999), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Kif dejjem ġie ritenut, wieħed huwa tenut dejjem responsabbli għall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jagħmel."

Illi din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-appellant li ma jistax ikun hemm l'*animus nocendi* meta l-persuna l-oħra qegħda qrib tiegħek jew għaliex din kienet qegħda warajk. Jirriżulta li l-aktar żewġ affarijiet importanti ossia ċ-*chopping board* u s-sikkina, it-tnejn li huma spiċċaw ħdejn il-*parte civile* u waħda minn dawn l-affarijiet saħanistra laqtitha waqt li l-oħra għaddiet minn ħdejha. B'hekk meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq jirriżulta li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

Illi dwar it-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant din hija kontravenzjoni li taqa' taħt Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn il-volontarjeta' tal-fatt hija biżżejjed. Riferenza ser issir għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar 1960 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Mallia** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) qalet hekk:

> "Trattandosi ta' kontravenzjonijiet, hu ormai paċifikament rikonoxxut fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li għall-imputabilita' biżżejjed il-volontarjeta' tal-fatt. Huwa biżżejjed, ċjoè, illi l-imputat kien kawża effiċjenti volontarja tal-fatt kontravvenzjonali, mingħajr ma hemm

> bżonn illi jkun hemm fl-imputat il-koxjenza tal-illeġittimita' tal-fatt stess. Jekk l-imputat ried il-fatt biss, allura l-imputat ikun fi stat kontravvenzjonali (ara Vol. XXIX-IV-553; u Vol. XXX-IV-539)."

Illi l-istess ingħad mill-istess Qorti f'sentenza mogħtija fil-15 ta' Frar 1958 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmelo Bonnici**. Għaldaqstant, tenut kont ta' dak li ġie kkwotat u tenut kont tal-fatt li l-aġir tal-appellant kien wieħed volontarju għall-aħħar, isegwi li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija fit-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Vincent Preca u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi l-perjodu tal-Ordni ta' *Probation* u tal-Ordni ta' Protezzjoni hekk kif imsemmi fis-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**